



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 28.3.2012
COM(2012) 140 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità f'din l-Era Diġitali: Il-Ħolqien ta' Ċentru Ewropew taç-
Ċiberkriminalità**

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità f'din l-Era Diġitali: Il-Ħolqien ta' Ċentru Ewropew ta-Ċiberkriminalità

1. INTRODUZZJONI: IT-TWEGĪBA EWROPEA GĦALL-KRIMINALITÀ MINGĦAJR FRUNTIERI

L-Internet sar parti integrali u indispensabbli mis-soċjetà u l-ekonomija tagħna. Tmenin fil-mija taż-żgħażaġh Ewropej jikkonnettjaw ma' xulxin u mad-dinja permezz ta' networks soċjali onlajn¹, u kull sena madwar USD 8 triljuni jgħaddu minn id għal oħra f'kummerċ elettroniku globali². Iżda hekk kif kemm il-ħajja tagħna ta' kuljum, u kif ukoll it-tranżazzjonijiet kummerċjali tagħna aktar u aktar qegħdin iseħħu onlajn, l-attività kriminali wkoll qiegħda tixxeblek mal-internet – fil-fatt, aktar minn miljun ruħ madwar id-dinja qegħdin jisfaw vittmi ta-ċiberkriminalità kuljum³. L-attività kriminali onlajn tvarja mill-bejgħ tal-karti tal-kreditu misruqa għal prezzijiet li jistgħu jkunu mhux aktar minn euro, serq ta' identità u abbuż sesswali fuq it-tfal, għal attacki ċibernetiċi serji fuq istituzzjonijiet u infrastruttura.

Il-kost totali ta-ċiberkriminalità għas-soċjetà huwa wieħed sinifikanti. Rapport reċenti iġib l-argument li, fuq bażi globali, l-vittmi jitilfu madwar USD 388 biljun kull sena b'riżultat ta-ċiberkriminalità. Dan ifisser li din it-tip ta' kriminalità trendi aktar mill-kummerċ globali tal-marihwana, kokaina u l-eroina flimkien⁴. Għalkemm informazzjoni bħal din għandha tiġi trattata b'attenzjoni, għaliex definizzjonijiet differenti ta' x'jikkostitwixxi ċiberkriminalità jistgħu jwasslu għal stimi differenti tal-kosti. Madanakollu jidher li hemm ftehim li ċ-ċiberkriminalità hija sura ta' attività kriminali b'riskju baxx, li qiegħda ssir aktar komuni u akar dannuża. Fi żmien meta l-indukrar tat-tkabbir ekonomiku huwa fundamentali, it-tiħiħ tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità ser ikun essenzjali sabiex iċ-ċittadini u n-negozji ma jitilfux il-fiduċja tagħhom fil-possibbiltà ta' komunikazzjoni u kummerċ sikuri onlajn. Dan ser jgħin ukoll fl-ilħuq tal-miri tat-tkabbir li ġew stabbiliti fl-istrateġija Ewropa 2020⁵ u fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa⁶.

Il-libertà tal-Internet hija fattur wieħed li jispjega r-rivoluzzjoni diġitali ta' dawn l-aħħar snin. L-Internet miftuħ li nużaw ma jaf la bi frontieri nazzjonali u lanqas bi struttura ta' governanza globali waħda. Iżda filwaqt li nipromwovu u niproteġu din il-libertà onlajn f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, aħna għandna wkoll inħabirku biex inħarsu liċ-ċittadini tagħna minn gruppi ta' kriminalità organizzata li jippruvaw jisfruttaw dan il-ftuħ. L-ebda reat ma għandu natura daqstant transkonfinali daqs iċ-ċiberkriminalità, u dan jirrekjedi li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jadottaw approċċ koordinat u kollaborattiv lil hinn mill-

¹ Eurostat, l-Aċċess u l-Użu tal-Internet, l-14 ta' Diċembru 2010.

² McKinsey Global Institute, Internet Matters: the Net's sweeping impact on growth, jobs and prosperity. Rapport ta' Mejju tal-2011 aċċessat fit-8 ta' Frar 2012.

³ Norton Cybercrime Report 2011, Symantec, is-7 ta' Settembru 2011, aċċessat fis-6 ta' Jannar 2012.

⁴ Ibid.

⁵ Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti sostenibbli u inklussiv, COM(2010)2020, it-3 ta' Marzu 2010.

⁶ Aġenda Diġitali għall-Ewropa COM(2010) 245 finali, is-26 ta' Awwissu 2010.

fruntieri nazzjonali, flimkien ma' partijiet interessati kemm pubbliċi u kif ukoll privati bl-istess mod. Huwa hawnhekk li l-UE tista' tkun, u fil-fatt hija, ta' valur miżjud.

L-Unjoni Ewropea żviluppat diversi inizjattivi għall-indirizzar ta' ċiberkriminalità. Dawn jinkludu d-Direttiva tal-2011 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttar sesswali onljani tat-tfal u l-pedopornografija, u Direttiva dwar l-attakki kontra sistemi ta' informazzjoni, b'enfasi fuq il-penalizzazzjoni tal-isfruttar ta' għodod ta' ċiberkriminalità, speċjalment il-botnets⁷, li għandhom jiġu adottati fl-2012. Il-Europol żied l-attivitajiet tiegħu kontra ċ-ċiberkriminalità u kellu rwol ewlieni fl-"Operation Rescue" ta' f'it taż-żmien ilu. F'din l-operazzjoni, li kienet waħda mill-akbar investigazzjonijiet ta' dan it-tip li qatt saret minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi madwar id-dinja, il-pulizija arrestaw 184 persuna suspettati bi ksur marbuta mal-abbuż tat-tfal u identifikat aktar minn 200 tifel u tifla vittmi ta' abbuż. Grazzi għall-ħidma tal-analisti tal-Europol biex isibu mod kif jegħlbu l-karatteristiċi ta' sigurtà ta' server ewlieni tan-netwerk, inkixfu l-identità u l-attivitajiet ta' persuni suspettati bi ksur.

Il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, li fil-parti l-kbira tagħha ssir fuq il-bażi tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità⁸ tal-Kunsill tal-Ewropa, għadha waħda mill-prijoritajiet ewlenin. Din ġiet identifikata fiċ-ċiklu tal-politika tal-UE fir-rigward tal-kriminalità organizzata u serja⁹, u ssawwar parti integrali mill-isforzi li tiġi żviluppata strateġija globali għat-tisħiħ ta' ċibersigurtà. Barra minn hekk, l-UE impenjat ruħha mill-qrib ma' sħab internazzjonali, pereżempju, permezz tal-grupp ta' ħidma attwali bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità.

Minbarra dan il-progress, għad fadal għadd ta' ostakli sabiex tkun tista' ssir investigazzjoni effikaċi ta' ċiberkriminalità u l-prosekuzzjoni ta' awturi ta' reati fil-livell Ewropew. Dawn jinkludu: fruntieri ġurisdizzjonali, kapaċitajiet insuffiċjenti ta' kondivizzjoni ta' intelligence, diffikultajiet tekniċi fit-traċċar tal-orijini ta' awturi ta' ċiberkriminalità, kapaċitajiet investigattivi u forseniċi inkompatibbli, nuqqas ta' persunal imħarreġ, u kooperazzjoni inkonsistenti ma' partijiet interessati oħra responsabbli miċ-ċiberkriminalità. Permezz tal-Istrument għall-Istabbiltà l-UE qiegħda tindirizza wkoll it-theddid transnazzjonali li qiegħed jevolvi b'mod rapidu u li huwa marbut ma' ċiberkriminalità. Dan qiegħed isir fpajjizi li qegħdin jiżviluppaw jew li jinsabu fi tranżizzjoni u fejn il-kapaċitajiet għall-ġlieda kontra din il-forma ta' kriminalità organizzata ta' sikwit ikunu nieqsa.

Fi tweġiba għal dawn l-isfidi, il-Kummissjoni indikat il-ħsieb tagħha li toħloq Ċentru Ewropew ta' Ċiberkriminalità bħala prijorità tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna¹⁰. Wara li l-

⁷ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni, [COM \(2010\)517 final](#), it-30 ta' Settembru 2010. Il-botnets huma networks ta' kompjuters kompromessi infettati b'softwer malizzjuż li jista' jiġi attivat mill-bogħod (remote) biex iwettaq azzjonijiet speċifiċi, fosthom ċiberattakki.

⁸ [Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità](#), Budapest, it-23 ta' Novembru 2001, magħrufa wkoll bħala l-Konvenzjoni ta' Budapest. Il-Konvenzjoni hija akkumpanjata minn *Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità* dwar il-kriminalizzazzjoni ta' atti ta' natura razzista u ksenofobika li jsiru permezz ta' sistemi tal-kompjuter.

⁹ Iċ-ċiklu tal-politika tal-UE fir-rigward tal-kriminalità organizzata u l-kriminalità internazzjonali serja, li jkopri l-perjodu 2011/2013, għandu tmien prijoritajiet. Waħda minnhom hija "It-tisħiħ tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u l-użu ħażin u kriminali tal-Internet minn gruppi ta' kriminalità organizzata".

¹⁰ "Sal-2013, l-UE se tkun stabbiliet ... ċentru ta' ċiberkriminalità, li permezz tiegħu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE se jkunu f'pożizzjoni li jibnu kapaċità operazzjonali u analitika għal investigazzjonijiet u kooperazzjoni ma' msieħba internazzjonali" fi [L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-azzjoni: ħames passi lejn Ewropa aktar sikura](#). COM(2010) 673 finali, tat-22 ta' Novembru 2010.

Kummissjoni wettqet studju dwar il-fattibbiltà tal-ħolqien ta' ċentru bħal dan¹¹, fuq talba tal-Kunsill¹², hija qiegħda tipproponi Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) li ser ikun jiffirma parti mill-Europol u jaġixxi bħala punt fokali fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità fl-UE. Din il-Komunikazzjoni, li tiġbed mill-istudju dwar il-fattibbiltà, tagħti ħarsa ġenerali lejn il-funzjonijiet ewlenin li qed jiġi propost li jitwettqu miċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità, tispjega għaliex dan għandu jitqiegħed fi ħdan il-Europol, u kif jista' jinħoloq. Madanakollu, l-implikazzjoni fuq ir-riżorsi iridu jiġu vvalutati aktar filwaqt li għandhom jiġu previsti qabel ma l-EC3 jibda jopera bis-siġħ. *Il-ħolqien ta' dan iċ-Ċentru ser ikun rifless, kif inhu xieraq, fir-reviżjoni li dalwaqt ser issir tal-bażi legali tal-Europol.*

2. PROPOSTA GĦALL-ĦOLQIEN TA' ĊENTRU EWROPEW TAĊ-ĊIBERKRIMINALITÀ

Sabiex iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) jkun ta' valur miżjud, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, qiegħed jiġi propost li l-EC3 jiffoka fuq l-oqsma ewlenin li ġejjin:

- (i) Ir-reati ċibernetiċi mwettqa minn gruppi ta' kriminalità organizzata, partikolarment dawk li jiġġeneraw profitti kriminali kbar bħall-frodi onlajn;
- (ii) Ir-reati ċibernetiċi li jikkawgħaw dannu serju għall-vittmi, bħall-isfruttar sesswali ta' tfal onlajn; kif ukoll
- (iii) Ir-reati ċibernetiċi (fosthom iċ-ċiberattakki) li jolqtu lill-infrastruttura kritika u sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni¹³.

Meta titqies in-natura dejjem tevolvi taċ-ċiberkriminalità, għandu jkun hemm ukoll skop li tittieħed azzjoni kemm bħala tweġiba għar-rekwiżiti tal-Istati Membri, u kif ukoll għall-indirizzar tal-emerġenza ta' theddidiet ta' reati ċibernetiċi ġodda li l-Unjoni tħabbat wiċċha magħhom.

2.1. Il-funzjonijiet ewlenin li għandhom jitwettqu miċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità

L-EC3 għandu jkollu erba' funzjonijiet ewlenin:

- (a) *Iservi ta' punt fokali għal informazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità fl-Ewropa*

Funzjoni li tippermetti l-fużjoni ta' informazzjoni tiżgura li l-informazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità tinġabar mill-aktar firxa wiesgħa ta' għejun pubbliċi, privati u miftuħa, u tarrikkixxi d-dejta li hija disponibbli għall-pulizija. Gradwalment dan għandu jimla l-lakuni li jeżistu bħalissa fl-informazzjoni li hija disponibbli mill-komunitajiet responsabbli mis-sigurtà ċibernetika u għall-indirizzar taċ-ċiberkriminalità. L-informazzjoni li tinġabar tkun

¹¹ [Feasibility study for a European Cybercrime Centre \(Studju dwar il-Fattibbiltà ta' Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità, Rapport Finali, Frar 2012\).](#)

¹² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni ta' strateġija koordinata għall-ġlieda kontra l-kriminalità, it-3010 laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, il-Lussemburgu, is-26 ta' April 2010.

¹³ Kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008. Bħalissa din id-Direttiva qiegħda tiġi riveduta. L-EC3 ser tqis kull żvilupp ulterjuri li jsir.

tikkonċerna attivitajiet, metodi u persuni suspettati fiċ-ċiberkriminalità. Iċ-ċentru għandu jtejjeb l-għarfien dwar iċ-ċiberkriminalità u l-prevenzjoni, l-iżvelar u l-prosekuzzjoni tagħha, u jinkoraġġixxi l-bini ta' rabtiet bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-komunità tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (CERT) u speċjalisti tas-sigurtà tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) tas-settur privat. Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni għandha tirrispetta l-ftehimiet ta' kunfidenzjalità u r-regoli bejn il-partijiet differenti.

Il-funzjoni tal-fużjoni tal-infommazzjoni tkun utli għat-titjib tar-rappurtar u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità. Il-Kummissjoni tixtieq li l-Istati Membri jintroduċu r-rekwiżit li r-reati serji ta' ċiberkriminalità jiġu rrapportati lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi¹⁴. Dan iwassal biex is-servizzi tal-pulizija nazzjonali jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reati ċibernetiċi serji b'aktar konsistenza lill-EC3 li, min-naħa tiegħu, ikun jista' jxerred din l-infommazzjoni sabiex il-kollegi fi Stati Membri oħrajn jkunu jafu jekk ikunux qed jiġbdu l-istess ħabel u jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-infommazzjoni ta' xulxin fl-investigazzjonijiet tagħhom.

L-għan huwa li, maż-żmien, titwessa' l-istampa tal-infommazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità fl-Ewropa. B'hekk ikunu jistgħu jitfasslu rapporti strateġiċi ta' kwalità għolja dwar ix-xejriet u theddidiet, jinkiseb għarfien abbażi ta' ċifri komprensivi dwar ir-reati u tittejjeb l-intelligence operazzjonali minn bażi ta' informazzjoni li tiġbed minn għadd differenti ta' għejjun.

(b) Jiġbor l-għarfien espert dwar iċ-ċiberkriminalità fl-Ewropa biex l-Istati Membri jiġu meġhuna fil-bini ta' kapaċitajiet

L-EC3 għandu jassisti lill-Istati Membri b'għarfien espert u taħriġ li jwassal għat-trażżin taċ-ċiberkriminalità. L-enfasi ewlenija hija fuq l-infurzar tal-liġi, iżda għandu jiġi pprovdut ukoll taħriġ għall-ġudikatura. L-inizjattivi eżistenti tal-Europol, tas-CEPOL u tal-Istati Membri għandhom jiġu ssimplifikati permezz ta' analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet sabiex jiġu żgurati livelli aħjar ta' koordinazzjoni u kumplimentarjetà. Dan it-taħriġ għandu jvarja minn għarfien espert fid-dettal għal bini aktar mifruż ta' kapaċitajiet mill-uffiċjali tal-pulizija, il-prosekuturi u l-imħallfin biex jindirizzaw in-netwerk taċ-ċiberkriminalità.

Għandu jinħoloq uffiċċju taċ-ċiberkriminalità fejn ikunu jistgħu jiġu skambjati l-aħjar prattiki u għarfien, u li jkun jista' jimpenja ruħu u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet internazzjonali tal-infurzar tal-liġi, tas-settur privat u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, pereżempju, fil-każ ta' ċiberattakki jew suriet ġodda ta' qerq onlajn.

Dan għandu jappoġġja l-attivitajiet ta' gruppi esperti dwar iċ-ċiberkriminalità filwaqt li jkun attrezzat biex jagħtihom pariri siewja, fosthom lit-Task Force tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċiberkriminalità u lil esperti dwar il-ġlieda tal-isfruttar sesswali tat-tfal onlajn. Għandu wkoll jistabbilixxi kooperazzjoni man-netwerk ta' ċentri ta' eċċellenza taċ-ċiberkriminalità li qegħdin jiżviluppaw, bħat-2Centre, u l-komunità tar-riċerka.

L-EC3 għandu jgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jiżviluppaw u jintroduċi applikazzjoni ta' rappurtar ta' ċiberkriminalità onlajn, imsejsa fuq standards miftiehma, biex issir konnessjoni bejn il-flussi ta' rappurtar minn diversi atturi (kumpaniji, CERTs

¹⁴ Bħal dawk li huma elenkati fl-Artikoli 3 u 7 tal-abozz ta' Direttiva li tressaq dwar l-attakki fuq sistemi tal-infommazzjoni, COM(2010)517 finali, it-30 ta' Settembru 2010.

nazzjonali/governattivi, ċittadini eċċ) u dawk minn korpi nazzjonali tal-infruzar tal-liġi u bejn il-korpi nazzjonali tal-infruzar tal-liġi u l-EC3.

L-EC3 għandu jagħmel użu mill-aħjar prattiki filwaqt li jiffaċilita l-użu ta' tagħhom fil-komunità tal-ġustizzja kriminali u fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. L-involvement effettiv tal-ġudikatura fl-indirizzar ta' ċiberkriminalità huwa importanti ferm biex tittejjeb il-prosekuzzjoni ta' ċiberkriminali serji fl-Istati Membri.

(c) Jipprovdi appoġġ għall-investigazzjonijiet ta' ċiberkriminalità fl-Istati Membri

L-EC3 għandu jipprovdi appoġġ operazzjonali għal investigazzjonijiet ta' ċiberkriminalità, pereżempju, permezz tal-inkoraġġiment tal-ħolqien ta' Skawdri tal-Investigazzjonijiet Konġunti u l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali f'investigazzjonijiet miftuħa.

Huwa għandu jipprovdi wkoll assistenza forsenika ta' livell għoli (faċilitajiet, ħżin, għodod) u għarfien dwar il-kriptaġġ għal investigazzjonijiet ta' ċiberkriminalità.

(d) Isir il-leħen kollettiv tal-investigaturi ta' ċiberkriminalità Ewropej fl-oqsma kollha tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura

Maż-żmien, l-EC3 jista' jaġixxi bħala punt fejn jitlaqqgħu l-investigaturi ta' ċiberkriminalità Ewropej, u jipprovdihom b'leħen kollettiv f'diskussjonijiet mal-industriji tal-ICT u ma' kumpaniji settorjali privati oħra u kif ukoll mal-komunità tar-riċerka, ma' assoċjazzjonijiet tal-utenti u ma' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili dwar l-aħjar mod biex tingħeleb iċ-ċiberkriminalità u għall-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka mmirati.

L-EC3 jkun il-punt ta' interkonnessjoni naturali għall-attivitajiet dwar iċ-ċiberkriminalità tal-Interpol u ta' unitajiet tal-pulizija internazzjonali oħrajn li jkunu responsabbli miċ-ċiberkriminalità. Dan jista' jikkoordina wkoll il-kontribut f'inizjattivi kurrenti dwar il-governanza tal-Internet u tal-grupp ta' esperti intergovernattiv u miftuħ tan-NU dwar iċ-ċiberkriminalità.

L-EC3 għandu wkoll jikkolabora ma' organizzazzjonijiet bħal INSAFE¹⁵ fit-twettiq ta' kampanji pubbliċi ta' sensibilizzazzjoni, l-aġġornament ta' tagħhom fir-rispons għal tibdil fil-ċiberkriminalità li jiġu identifikati mill-analiżi ta' Ċentru bil-għan li tiġi inkoraġġita mgħiba onlajn li tkun prudenti u sikura.

2.2. Lok

Kif ħareġ fid-dieher mill-istudju dwar il-fattibbiltà, iċ-Ċentru Ewropew ta' Ċiberkriminalità għandu jkun parti mill-Europol, fi ħdan l-istrutturi eżistenti tiegħu.

Dan iġib miegħu vantaġġi ċari. Il-Europol għandu rwol rikonoxxut fost l-Istati Membri u partijiet interessati oħra, fosthom l-Interpol u awtoritajiet internazzjonali tal-infurzar tal-liġi, u diġà għandu mandat li jittratta każi ta' kriminalità marbuta mal-kompjuters¹⁶. Id-dmir ewlieni tal-Europol huwa li jgħin għall-kisba ta' Ewropa aktar sikura għall-benefiċċju ta' ċittadini

¹⁵ Network Ewropew ta' Ċentri ta' Sensibilizzazzjoni li jippromwovv użu sikur u responsabbli tal-Internet u tal-apparat mobbli maż-żgħażaġh.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2009/371/ĠAI) tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Puluzija, l-Artikolu 4(1) flimkien mal-anness.

kollha, billi jingħata appoġġ lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi permezz tal-iskambju u l-analiżi ta' intelligence kriminali.

2.3. L-implikazzjonijiet tal-EC3 fuq ir-riżorsi

L-istudju dwar il-fattibbiltà eżamina implikazzjonijiet differenti fuq ir-riżorsi. Dawn ser ikollhom jiġu vvalutati ulterjorment¹⁷, prinċipalment fid-dawl ta' kompiti oħra li jistgħu jitwettqu mill-Europol fil-ġejjieni u fil-kuntest aktar ġenerali tal-persunal tal-Aġenziji tal-UE. B'mod partikolari, din il-valutazzjoni ser titwettaq fil-kuntest tar-reviżjoni tal-bażi legali tal-Europol u tad-diskussjoni li tinsab għaddejja dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Fond għas-Sigurtà Interna. Madanakollu, diġà jidher ċar li ser ikun hemm bżonn ta' ssekondar mill-Istati Membri.

Fil-valutazzjoni tal-estimu tar-riżorsi meħtieġa, il-Kummissjoni ser tkun iggwidata minn tliet kunsiderazzjonijiet: l-ewwel nett, qiegħda ssir is-suppożizzjoni li ser ikun hemm żieda moderata fil-każistika totali ta' reati ċibernetiċi u mhux żieda enormi fil-kriminalità ċibernetika; it-tieni nett, l-Istati Membri ser isaħħu l-kapaċità tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika; u, t-tielet nett, l-EC3 ser ikun responsabbli minn sett partikolari ta' reati ċibernetiċi.

2.4. Governanza

Il-fatt li l-EC3 jitpoġġa fi ħdan il-Europol jagħmilha importanti li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati ewlenin oħrajn fid-direzzjoni strateġika taċ-Ċentru. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qiegħda tissuġġerixxi l-ħolqien ta' Bord tal-Programm tal-EC3 fi ħdan l-istruttura ta' governanza tal-Europol, li jkun ippresedut mill-Kap tal-EC3. Dan l-istrument jagħti l-possibbiltà lil partijiet interessati oħrajn, bħall-Eurojust, is-CEPOL, l-Istati Membri, irrapreżentati mit-Task Force tal-UE dwar iċ-Ċiberkriminalità, l-ENISA u lill-Kummissjoni, li jaqsmu l-għarfien rispettiv tagħhom mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv żejjed. Il-Bord jista' jaġixxi bħala xprun tar-responsabbiltà għat-twettiq tal-attivitajiet kontra iċ-ċiberkriminalità tal-EC3 u għaldaqstant ikun jiżgura li dawn jitwettqu fi sħubija, filwaqt li jirrikonoxxi l-għarfien espert miżjud u jirrispetta l-mandati tal-partijiet interessati kollha.

2.5. Kooperazzjoni ma' atturi ewlenin

L-EC3 għandu jiżgura rispons aktar koordinat fir-rigward taċ-ċiberkriminalità, mhux biss billi jippermetti li ssir ħidma konġunta bejn l-aġenziji tal-UE, iżda wkoll billi jservi ta' punt ta' kuntatt Ewropew wieħed fil-qasam.

(a) L-Istati Membri

L-għan ewlieni huwa li l-Istati Membri jiġu meġhuna fil-ġlieda kontra iċ-ċiberkriminalità. Il-helpdesk u r-riżultati miksuba mill-EC3 fil-qasam taċ-ċiberkriminalità, bħal analiżi tat-theddid aktar iffokata u appoġġ operazzjonali aktar informat ser ikunu ta' benefiċċju għall-investigaturi madwar l-Ewropa. It-Taskforce tal-UE taċ-Ċiberkriminalità tkun tiżgura rappreżentanza aħjar tat-tħassib tal-Istati Membri fuq il-Bord tal-Programm tal-EC3. Barra minn hekk, l-Istati ser jeħtiġilhom ikomplu jagħmlu l-investimenti neċessarji fl-istrutturi

¹⁷ Il-valutazzjoni għandha tkun waħda koerenti mar-rekwiżiti globali tal-aġenziji b'rabta mal-persunal u l-baġit fil-Baġit tal-2013 u fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss.

nazzjonali tagħhom għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, biex ikun hemm punti ta' interkonnessjoni għal interazzjoni mal-EC3.

(b) L-aġenziji Ewropej u atturi oħrajn

L-aġenziji relevanti, prinċipalment il-Eurojust, is-CEPOL, l-ENISA u s-CERT-EU, jkunu involuti direttament fl-attivitàjiet tal-EC3 mhux biss permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Bord tal-Programm, iżda wkoll permezz ta' kooperazzjoni operazzjonali kulfejn tkun relevanti u b'kunsiderazzjoni tal-mandati rispettivi tagħhom.

(c) Is-sħab internazzjonali

Fl-għan tiegħu li jiżviluppa bħala punt fokali ta' informazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità, l-EC3 għandu jsir interlokutor siewi għal sħab internazzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' ċiberkriminalità. Fi sħab mal-Interpol u s-sħab strateġiċi tagħna madwar id-dinja, l-EC3 għandu jfittex li jtejjeb ir-risponsi koordinati fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u jiżgura li t-tħassib relatat mal-infurzar tal-liġi jitqies fl-iżvilupp ulterjuri ta' ċ-ċiberspazju.

(d) Is-settur privat, il-komunitajiet ta' riċerka u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

It-trawwim tal-fiduċja u l-kunfidenza fis-settur privat u fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huwa ta' importanza kbira fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Fit-tishiġ tal-ħidma tal-Europol ma' sħab eżistenti u dawk ġodda, l-EC3 għandu jrawwem netwerks u pjattaformi ta' skambju ta' informazzjoni fdati mal-industrija u ma' atturi oħrajn bħall-komunità tar-riċerka u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn għandhom jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn komunitajiet differenti dwar firxa sħiħa ta' kwistjonijiet, fosthom it-twissija bikrija dwar ċiberattakki, u risponsi fi stil kollaborattiv ta' "task force" għaċ-ċiberattakki u għal suriet oħra ta' ċiberkriminalità.

L-EC3 għandu jikkontribwixxi wkoll għal sforzi usa' ta' kumpaniji tas-settur privat b'assi diġitali sostanzjali, bħall-banek u bejjiegħa onlajn, fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u għall-ħarsien kontra dan il-fenomeno, u biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet fit-teknoloġiji li qegħdin jiġu żviluppati.

Huwa fl-interess reċiproku tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-settur privat li jiġi żviluppat kejl aktar tajjeb tal-istampa ta' ċiberkriminalità fil-ħin li sseħħ u kif ukoll biex issir ħidma għall-iżmantellar ta' netwerks ta' ċiberkriminalità permezz ta' detezzjoni aħjar ta' modi operandi ġodda u l-arrest rapidu ta' ċiberkriminali.

3. PJAN DIREZZJONALI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' ĊENTRU EWROPEW TA' ĊIBERKRIMINALITÀ

3.1. Attivitàjiet sal-aħħar tal-2013

Sabiex tinkiseb il-kapaċità operazzjonali inizjali l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Europol, ser tesplora x'ser ikunu l-ħtiġijiet f'termini ta' riżorsi umani u finanzjarji sabiex jiġi stabbilit tim ta' implimentazzjoni tal-EC3 sakemm jintemm il-qafas finanzjarju kurrenti tal-UE. Il-kompiti tat-tim ta' implimentazzjoni jkunu jinkludu, fost l-oħrajn, l-abbozzar tat-termini ta' referenza tal-EC3 u l-istruttura organizzazzjonali tiegħu, kif ukoll l-iżvilupp ta' indikaturi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu. Ir-rwol u l-funzjonament tal-Bord tal-Programm ser jiġi ddefinit aktar u ser jintlaħaq ftehim dwaru mal-partijiet interessati assoċjati.

Bil-għan li tiġi stabbilita funzjoni sħiħa ta' fużjoni tal-informazzjoni, it-tim ta' implimentazzjoni tal-EC3 għandu johlqo rabtiet mat-tim ta' prekonfigurazzjoni tas-CERT-UE u wkoll, fejn ikun relevanti, mal-ENISA (b'kunsiderazzjoni tar-riżorsi limitati tagħhom). Sabiex jittejjeb ir-rappurtar dwar iċ-ċiberkriminalità, ser isir eżerċizzju ta' delinjament sabiex tinholqo mappa tal-interoperabbiltà ta' sistemi eżistenti ta' rappurtar taċ-ċiberkriminalità onlajn fl-Istati Membri.

Għandu jinholqo uffċċju taċ-ċiberkriminalità. Dan l-uffċċju għandu jiġi meġġjun billi jiġi pprovdut bi pjattaforma komunitarja onlajn sikura. L-attivitajiet ta' taħriġ attwali tal-Europol, is-CEPOL u l-Grupp Ewropew għat-Taħriġ u l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità jistgħu jiġu vvalutati u ssimplifikati taħt il-koordinazzjoni tal-EC3 u l-Bord tal-Programm tiegħu. Għandha ssir analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ, li tqis ukoll il-bżonnijiet tal-imħallfin u l-prosekuturi. Din l-analiżi għandha twassal għall-organizzar ta' kors ta' taħriġ bażiku dwar iċ-ċiberkriminalità. Dan għandu jkun miftuħ għall-membri tas-sistema tal-ġustizzja kriminali.

Barra minn hekk, ser ikollha ssir valutazzjoni aktar preċiża tar-riżorsi umani u finanzjarji li ser ikunu meħtieġa. Din għandha tkun prevista fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss. Din il-valutazzjoni ser tagħti kontribut għall-iżvilupp ulterjuri tal-EC3.

4. KONKLUŻJONI

Hekk kif id-dinja tal-kriminalità organizzata qieġġda tifrex l-attivitajiet tagħha fiċ-ċiberspazju, l-infurzar tal-liġi għandu jżomm il-kolp. L-UE tista' tipprovdi lill-Istati Membri u lill-industrija bl-għodod biex jindirizzaw din it-theddida, moderna u li għada qieġġda tevolvi, taċ-ċiberkriminalità li, fil-fatt, ma taf bl-ebda fruntiera. Jekk ir-riżorsi umani u finanzjarji jiġu garantiti, iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità ser jaġixxi bħala punt fokali għall-ġlieda tal-Ewropa kontra iċ-ċiberkriminalità; u dan billi jippulja l-għarfien minn bnadi differenti, jappoġġja investigazzjonijiet kriminali u jippromwovi soluzzjonijiet madwar l-UE kollha, filwaqt li jqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet ta' ċiberkriminalità madwar l-Unjoni. F'dan il-kuntest, iċ-Ċentru jikkontribwixxi għas-salvagwardja ta' Internet miftuħ u ekonomija diġitali legali, u għall-ħarsien onlajn taċ-ċittadini u n-negozji tal-Ewropa.

Il-Kunsill huwa mistieden jappoġġja din il-proposta, filwaqt li l-Parlament Ewropew u l-partijiet interessati relevanti l-oħra huma mħeġġa jagħtu s-sehem tagħhom fl-iżvilupp taċ-Ċentru.